MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2015

Numru. 124/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Luke Bonello)**

**vs**

**ANTONIO FARRUGIA**

**(ID: 729031M)**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **ANTONIO FARRUGIA** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 729031(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli nhar is-26 ta' Marzu 2012 ghal habta tal-ghaxra u kwart ta' filghodu (10:15hrs) gewwa San Giljan:

B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Pauline Vassallo;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkommetta sewqan traskurat u negligenti.

Il-Prosekuzzjoni talbet sabiex f'kas ta' htija, tiskwalifika lill-hati milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien li jidrilha xieraq.

Rat id-dokumenti esebiti fosthom estratt mill-att tat-twelid tal-imputat a fol 8, fedina penali a fol 9, okkorrenza a fol 10 et seq, il-kunsens ta' l-Avukat Generali datat 31 ta' Jannar 2014 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja a fol 16 u l-Proces Verbal a fol 17.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim'Imhallef datat 21 ta' April 2014.

**L-Ispettur Luke Bonello** xehed fil-25 ta' Awwissu 2014 fejn iddikjara li nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu, tal-elfejn u tnax (2012) ghall-habta tal-ghaxra u kwart ta' filghodu (10:15) il-Pulizija tal-Ghassa ta' San Giljan kienu gew infurmati mill-*control room* li kienet ittajret anzjana fi Triq Borg Olivier, San Giljan precizament hdejn il-Park Towers Super Market. Il-Pulizija kienu marru hemmhekk u kienu sabu l-anzjana mixhuta mal-art u fil-fatt kienet giet imsejjha ambulanza biex tigi fuq il-post u tiehu lis-Sinjura l-isptar.

Is-Sinjura li kienet imtajjra kien gie stabbilit li kienet Pawlina Vassallo u li mill-investigazzjoni li zammet il-pulizija kien gie stabbilit li kienet giet imtajjra minn vettura numru KBJ-425 tal-ghamla Ractis li dak il-hin kienet qed tigi misjuqa minn Antonio Farrugia detentur ta' karta tal-identita' 729031(M). Huwa sussegwentement wara dan l-incident kien gie nfurmat li s-Sinjura Vassallo kienet fil-periklu tal-mewt u ghalhekk l-Ispettur kien informa lill-Magistrat Miriam Hayman bil-kaz fejn kienet hatret diversi esperti biex jghinuha fl-inkjesta. Fost l-esperti kien hemm Dr. Mario Scerri, il-Perit Richard Aquilina, *Technical Experts* Mario Buttigieg u Joseph Zammit u *Scene of Crime Officer* PS 171 Karl Glanville. Bazikament mill-inkjesta l-esperti kienu kollha rrilaxxaw id-deposizzjoni tar-rapporti taghhom lill-Magistrat u l-Magistrat fil-Proces Verbal kienet ordnat lill-Pulizija sabiex jittiehdu passi fil-konfront ta' Antonio Farrugia.

Mistoqsi mill-Qorti jekk effettivament il-vittma ghadhiex hajja llum wiegeb illi onestament ma jafx u jrid jaghmel il-verifiki tieghu pero' jekk mietet ma kienx rizultat ta' dan l-incident. L-incident sar proprju vicin il-*lights* ta' hdejn il-Park Towers. Ix-xhud ikkonferma li s-Sinjura Pauline Vassallo ttajret fuq il-lights. Hemm min qed jghid illi l-lights kienu homor ghall-passiggier u ohrajn li qeghdin jghidu li l-lights kienu hodor ghall-passiggier li kien qed jaqsam. Mistoqsi jekk hux minnu li kien hemm xhud Alan Borg

li qal li huwa zamm lil Pawlina Vassallo milli taqsam u effettivament dan irrilaxxa li qasmet xorta wiegeb illi ma jaf xejn dwar dan.

**Mario Buttigieg** xehed fit-13 ta' Ottubru 2014 fejn iddikjara li huwa kien gie nominat fl-atti tal-inkjesta mill-Magistrat Dr. Miriam Hayman in konnessjoni mal-allegat incident stradali li sehh gewwa San Giljan nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu, 2012 fejn effettivament kienet korriet gravi Pauline Vassallo. Huwa gharaf ir-relazzjoni tieghu esebita f'dawn l-atti u kkonferma l-konkluzjonjiet tieghu hemm imsemmija.

Illi huwa kkonkluda illi mid-dinamika tal-incident jirrizulta bic-car li hemm elementi li Pauline Vassallo kellha negligenza kontributorja f'dan l-incident izda anki fl-opinjoni tieghu Antonio Farrugia seta' kellu tort f'dan l-incident hekk kif indkat aktar l-isfel.

Ikkonkluda li:-

- "*Pauline Vassallo qasmet fi triq maggura minghajr kawtela meta d-dawl kien ghadu ma qalibx.*
- *Minn ricerka li ghamel l-esponent ma divesi awturi u anki minn kalkoli li ghamel irrizulta li Farrugia kien qed isuq il-vettura tieghu b'velocita rikjesta bil-ligi.*
- *Illi minn ricerki, l-evidenza migbura, t-tehid tax-xhieda u studju li ghamel l-esponent irrizulta li Sultana (erronjament indikat mill-espert tekniku ghaliex ghandu jinqara Vassallo) qasmet min naha tax-xellug ghan-naha tal-lemin. Illi gie kkonstatat illi l-vittma giet imtajra meta hi kieent diga qasmet l-ewwel kwart tat-triq.*

- *Illi fl-opinjoni umli ta l-esponet l-pass taghha kien qieghed bil-mod u zgur li sabiex imxiet dik id-distanza kellha tiehu l-hin taghha sabiex hi taqsam dik id-distanza."*

Aktar il-quddiem fir-rapport tal-espert tekniku fil-parti msejha 'kalkulazzjonijiet' l-espert jikkonkludi wkoll li s-sewwieq qabel ma applika l-*breaks* kien qed isuq il-vettura tieghu b'velocita ta' tlieta u hamsin kilometru fis-siegha (53km/fs) u li l-vettura laqtet il-*pedestrian* b'velocita ta' wiehed u erbghin (41km/fs) kilometru fis-siegha.

**Alan Borg** xehed fit-13 ta' Ottubru 2014 fejn iddikjara li ghadu kemm giet moqrija lilu d-deposizzjoni li huwa kien ta fl-atti tal-inkjesta liema deposizzjoni tinsab esebita a fol. 35 u 36 tal-atti tal-inkjesta. Huwa kkonferma din il-verzjoni kif moghtija a tempo vergine tal-investigazzjoni. Ix-xhud spjega li effettivament kien l-imputat odjern li tajjar lil din is-Sinjura li ghadu kif xehed dwarha. Ix-xhud ikkonferma illi huwa ra li l-*pelican lights* kienu homor u l-mara daret fuq din il-pedestrian li kienet se taqsam u qaltilha mhux ghalissa, mhux ghalissa. Minkejja dan ittentat taqsam.

**Carmen Borg** xehdet fit-13 ta' Ottubru, 2014 fejn iddikjarat li hija tigi mart Alan Borg. Hija tiftakar illi fis-sitta u ghoxrin ta' Marzu, 2012 ghall-habta tal-ghaxra u kwart ta' filghodu (10:15hrs) hija kienet miexja gewwa San Giljan Triq George Borg Olivier flimkien mar-ragel taghha meta f'daqqa u l-hin iddecidew li huma jaqsmu t-triq biex imorru fuq in-naha l-ohra peress li kellhom xi qadi x'jaghmlu. Hija taf illi kien hemm mara anzjana illi effettivament ghafset il-buttuna pero' cio nonostante qabdet

u qasmet. Sussegwentement taf li giet mara anzjana ohra u qabdet u qasmet u giet imtajjra minn karozza li kienet ghaddejja. Ix-xhud qalet ukoll li d-dwal taghhom biex jaqsmu kienu ghadhom homor u hija fil-fatt lil din il-mara qaltilha biex ma taqsamx imma minkejja dan qasmet xorta. Meta kienet mixhuta ma l-art ix-xhud marret taghjtilha ghaliex dehret qisha mitlufa minn sensiha u qaltilha Sinjura, Sinjura ma kellmithiex u daqshekk taf hi.

**Joseph Cassar** xehed fit-13 ta’ Ottubru 2014 fejn iddikjara li jiftakar illi fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu, 2012 ghall-habta tal-ghaxra u kwart ta' filghodu (10:15hrs) huwa kien ghaddej gewwa Triq Borg Olivier, f'San Giljan u dana fuq in-naha tal-bahar. Huwa kien wasal proprju vicin il-*pitch* ta' San Giljan u kif wasal hdejn il-*pitch* sema’ daqqa, hares lura u ra mara mal-art u naturalment mar biex jaghti l-ghajjut. Mistoqsi mill-Qorti jekk l-incident per se rahx isehh wiegeb li le ma rahx. Huwa kien qisu hamsin (50) jew sittin (60) pass il-boghod. Mistoqsi x'kulur kienu l-lights qabel ma sehh l-incident wiegeb li ma jistghax jghid. Mistoqsi kellmux is-Surgent wara l-incident in kwistjoni wiegeb li jista' jkun. Huwa ma jiftakarx x'kien qallu lill-Pulizija ghax ghadda hafna zmien.

**Anna Cassar** xehdet fit-13 ta’ Ottubru, 2014 fejn iddikjarat illi tiftakar illi hija kienet miexja flimkien ma' zewgha vicin il-bahar fis-sitta u ghoxrin ta' Marzu, 2012 ghall-habta tal-ghaxra u kwart ta' filghodu (10:15hrs). Meta waslu vicin il-pitch ta' San Giljan, f'hin minnhom taf li semghu hoss, daret u rat li kien hemm mara milquta mal-art. Mistoqsija mill-Qorti x'kulur kellhom it-traffic lights qabel l-incident qalet illi ma rathomx. Lanqas lill-mara taqsam ma rat, ratha biss mal-art. Hija tiftakar illi effettivament is-

Surgent kien kellimhom fuq dan il-kaz sentejn (2) ilu pero' ma tiftakarx id-diskors li kellha mieghu.

**Pauline Vassallo** xehdet fl-10 ta' Novembru, 2014 fejn iddikjarat li hija kienet fejn is-Supermarket ta' San Giljan maghruf bhala Park Towers. Hija kienet qieghda timxi u kienet ser taqsam minn hdejn il-bahar ghan-naha fejn hemm il-Kazin tan-Nazzjonalisti. Ix-xhud stqarret illi ma tafx jekk hemmx *zebra crossing* u ma tafx jekk hemmx *traffic lights* lanqas.

Hija spjegat li kienet ser tinzel minn fuq il-bankina u sabet karozza ma' wiccha. Ix-xhud kienet wahedha. Hija ghandha tmenin (80) sena u kienet tmur timxi wahedha. Ix-xhud ma nzertatx nies ohra jaqsmu t-triq. Ma tafx b'liema parti tal-karozza giet milquta ghax dak in-nhar li xehdet nesghet.

Ix-xhud iddikjarat li ghandha t-tfal mizzewgin. Hija ma tafx meta sehh l-incident, fil-fatt lanqas taf jekk it-tfal taghha kienux twieldu. Ix-xhud kienet qed timxi wahedha u ma kellha xejn. L-incident ilu li sehh. Biss, biss hija ilha sentejn (2) fid-dar tal-anzjani. Hija taf li ma spiccatx hemm minhabba l-incident izda marret minn rajha.

Hija stqarret illi llum m'ghandhiex wegghat kagun tal-incident. Ma tafx min tajjarha izda damet jumejn (2) mitlufa minn sensiha. Ma tafx jekk ghafsitx xi buttuna tal-lights qabel ma qasmet u lanqas taf minn liema parti tat-triq qasmet.

**Antonio Farrugia** xehed fis-17 ta' Novembru 2014 fejn iddikjara li jiftakar li huwa kien ghaddej gewwa Triq Borg Olivier, San Giljan. Huwa effettivament kien gej mid-direzzjoni ta' San Giljan sejjer fid-direzzjoni ta' Tas-Sliema u kien wasal vicin l-istabbiliment 'Park Towers' u qal li fuq il-lemin tieghu kien hemm il-Kazin tan-Nazzjonalisti. L-imputat tenna li fuq ix-xellug tieghu minn fejn kien ghaddej minn fuq il-karreggjata tieghu kien hemm il-*lights* u qal li ghalih dawk il-hin il-*lights* kienu hodor biex ikompli ghaddej u saq ghaddej normali b'hamsa u tletin (35) kilometru.

Huwa spjega li fuq in-naha tax-xellug tieghu kien hemm nies li riedu jaqsmu u qal li meta wasal xi tliet (3) metri l-boghod miz-*zebra crossing* ra mara hierga minn fuq in-naha tax-xellug tieghu u qal li prova jiskapulaha pero' jaf li laqtitu fuq il-genb tal-karozza tieghu u qal li laqtitu fuq in-naha tax-xellug. L-imputat qal li effettivament habat man-naha tal-genb fejn hemm il-mera. Huwa kien xi zewg (2) metri l-boghod mill-pole meta ra din il-mara hierga u habtet mal-genb tal-karozza u ghalkemm ipprova jiskapolaha laqtitu xorta. Huwa stqarr illi effettivament kienet xi metru l-boghod mill-bankina meta sehh l-incident. Huwa kien miexi ghad-dritt.

**Mario Buttigieg** xehed fit-2 ta' Dicembru 2014 fejn iddikjara li fil-gudizzju li kien ghamel hu u cioe' u t-test li huwa ghamel bil-computer hemm dejjem *margin of error* ta' plus u minus 5% pero' dan huwa l-iktar apparat *accurate* fid-dinja. Huwa kkonferma li huwa uza Peugeot 106 biex ghamel it-test u qal li din il-Peugeot kellha wkoll l-ABS. It-tyre size ma jaghmlux differenza fil-karozza. Il-weight tal-karozza u t-tyre size ma jaghmlux differenza ghal dan it-test u huwa ghamel l-ezercizzju inkwistjoni fit-triq fejn sehh l-incident.

Huwa spjega li t-tarmac jaghmel differenza ghal dan it-test u lanqas kieku t-tyres ma jkunu lixxi ma taghmel differenza ghat-test. Pero' jekk l-art tkun imxarrba taghmel differenza. F'dan il-kaz ma kinitx lanqas. Iddikjara li jekk huwa kiteb li l-hsarat kienu minimi tfisser li l-hsarat kienu minimi. Dawn it-tip ta' hsarat li kien hemm jigu kkagunati anke jekk per ezempju taghti daqqa ta' minkeb. Fil-fehma tieghu laqat lil din is-Sinjura meta kien miexi fourty one kilometers per hour (41km/h).

Huwa fir-relazzjoni tieghu ghamel ukoll referenzi ghal xi esperti minn barra fejn dawn ghamlu diversi testijiet fuq diversi karozzi. Jekk il-vettura tkun qed tinstaq bi speed baxx il-hsara tkun fuq in-naha tal-baxx tal-vettura, il-bonnett, il-mudguards u affarijiet bhal dawn u *bumper*. Iktar ma titla' l-velocita' il-fuq ikun hemm per ezempju hsara fil-windscreen u anke fis-saqaf. Huwa tenna li effettivament il-vittma ntlaqtet fuq il-parti ta' quddiem tal-vettura tal-imputat, fuq in-naha tax-xellug. Fil-fatt il-bonnett fuq il-genb mhux mimsus izda hemm biss daqqa fuq.

Ix-xhud kompla jghid li f'dawk l-akkwati l-ispeed limit hija thirty five kilometers (35km) ghax hija *built up area*. Huwa kkonferma li wara l-Love Sign ta' Spinola hemm *pedestrian crossing*, pero' dan jinsab daqsxejn il-boghod minn fejn sehh l-incident. Suppost ikun hemm sinjal fit-triq li se tindika lejn *pedestrian crossing*. Huwa ma jiftakarx jekk kienx hemm f'dan il-kaz. Mistoqsi ghaliex jaqa' l-ispeed minn fifty three kilometers (53km) ghal fifty one (51) wiegeb illi dan gara meta ghafas il-brejk.

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kaz u dan fis-seduta tat-2 ta' Dicembru 2014 meta l-istess avukat difensur u ufficcjal prosekutur talbu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

Ikkunsidrat.

**Eccezzjoni ta' preskrizzjoni preliminari.**

Illi in linea preliminari d-difiza sostniet li l-akkuzi odjerni huma preskritti bit-trapass taz-zmien ta' sentejn ai termini tal-Artikolu 688 (e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta stante li ghadda l-perjodu ta' sentejn minn meta sehh ir-reat u z-zmien meta l-imputat tressaq il-Qorti.

Illi m'hemmx dubju li l-perjodu preskrittiv jibda jiddekorri mal-jum tal-incident u cioe' nhar is-16 ta' Marzu 2012 stante li l-imputat dak in-nhar kien maghruf (Artikolu 692 tal-Kap 9) u stante li f'kaz ta' htija li l-perjodu ta' prigunerija li jista' jinghata hija dik ta' massimu ta' sitt xhur il-perjodu preskrittiv huwa verament dak ta' sentejn.

Illi jirrizulta li huwa minnu li r-reat sar fis-26 ta' Marzu 2012 u c-citazzjoni giet registrata l-Qorti nhar it-3 ta' Frar 2014 u ghalhekk entro s-sentejn pero' l-imputat gie notifikat bic-citazzjoni xhur wara l-gheluq tas-sentejn ghaliex fis-seduta tat-22 ta' Lulju 2014 l-imputat ma kienx ghadu gie notifikat bl-att.

Ghalhekk jehtieg li ssir refernza ghall-**Artikolu 693 tal-Kap 9** tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi s-segwenti:-

(1) Iz-zmien tal-preskrizzjoni jinkiser b'kull att tal-procediment li jigi nnotifikat lill-imputat jew akkuzat dwar il-fatt li ghalih ikun imputat jew akkuzat.

(2) Iz-zmien tal-preskrizzjoni jinkiser ukoll bil-mandat tal-arrest jew, jekk ma jkunx hemm lok ghall-arrest, bic-citazzjoni, ghalkemm il-mandat tal-arrest jew ic-citazzjoni jkunu baqghu bla effett minhabba li l-imputat jew akkuzat jinheba jew jitlaq minn Malta.

Illi ghalhekk f'dan il-kaz peress li c-citazzjoni giet prezentata fiz-zmien is-sentejn tiddeciedi li l-kawza mhix preskritta u ghalhekk tali ecezzjoni qed tigi michuda.

**Dwar il-mertu.**

Illi mill-atti processwali jirrizulta li l-incident stradali sehh go Triq Borg Olivier, San Giljan meta l-imputat kien qed isuq vettura tal-ghamla Toyota tal-mudell Ractis bin-numru ta' registrazzjoni KBJ 425 u dan nhar is-26 ta' Marzu 2012. Jirrizulta li t-temp dakinhar kien tajjeb u t-triq kienet xotta u l-vizibilita' kienet wahda tajba. Jidher li l-imputat kien wahdu fil-vettura meta sehh l-incident. Jidher li l-imputat kien qed isuq mid-direzzjoni ta' San Giljan sejjer lejn Tas-Sliema fuq in-naha tal-bahar u appuntu ftit qabel l-istabbiliment Park Towers, proprju quddiem il-Kazin tal-partit politiku

Nazzjonalista sehh l-incident fejn korriet gravi Pauline Vassallo. Dwar il-feriti subiti minnha ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni u cioe' li kif stqarr l-espert mediku nominat fl-inkjesta l-vittma kellha lacerazzjoni fuq ir-ras taghha bhala rizultat ta' *blunt trauma*, tbengila fuq is-sider u l-abrazzjoni fuq l-id il-leminija kompatibbli ma' *blunt tauma*, u fratturi tal-kustilji li huma lezjonijiet ta' natura gravi per durata. Illi pero' jidher li hemm kontestazzjoni fir-rigward ta' min hu responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza.

Ma hemmx dubju li l-incident sehh fuq *pedestrian crossing* fi Triq Borg Olivier, San Giljan fuq il-karreggjata vicin il-bahar pero' dwar id-dinamika ta' kif sehh l-incident jidher li hemm xi konflingenzi. Pauline Vassallo, il-vittma ma kinitx cara fix-xhieda li hija tat waqt li kienet residenti fin-nursing Home 'Casa Leone', San Giljan nhar l-10 ta' Novembru 2014. Hija tispjega illi kienet ser tinzel minn fuq il-bankina u sabet karozza ma' wiccha. Mistoqsija jekk hemmx *traffic lights* jew *zebra crossing* tghid li ma tafx. Fl-istess xhieda tghid li ma tafx jekk ghafsitx il-lights jew minn liema parti tat-triq qasmet.

Min naha l-ohra l-imputat li llum ghandu tlieta u tmenin sena kien lucidu hafna. Jghid li kien ghaddej minn Triq Borg Olivier mid-direzzjoni ta' San Giljan sejjer lejn Tas-Sliema u kien wasal vicin l-istabbiliment Park Towers. Jghid li kien wasal quddiem il-kazin tal-Partit Nazzjonalista u fuq ix-xellug tieghu kien hemm il-*lights* li kienu hodor ghalih u baqa' ghaddej bi speed ta' 35 km/fs. Fuq in-naha tax-xellug tieghu kien hemm nies li xtaqu jaqsmu. Meta wasal xi tlett metri 'l boghod miz-zebra crossing ra mara hierga minn fuq in-naha tax-xellug tieghu u pprova jiskapolaha pero' jaf li ntlaqtet min

naha tal-genb fejn hemm il-mera. Kien xi zewg metri l-boghod mill-*pole* meta ra lil din il-mara hierga u habtet mal-genb tal-karozza tieghu.

Il-Prosekuzzjoni resqet xhieda okulari ta' l-incident u dawn ikkonfermaw il-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-imputat. Alan Borg jikkonferma li meta l-vittma qasmet il-lights kienu homor ghaliha u kien hemm mara li pprovat twaqqafha milli taqsam. Carmen Borg tghid li rat lill-vittma taghfas il-buttuna tat-*traffic lights* pero' cio nonostante ma stennietx id-dwal ibiddlu u qabdet u qasmet it-triq u f'dak il-hin kien ghaddej l-imputat u laqatha. Tikkonferma li d-dawl kien ahmar u kienet qalet lill-vitma sabiex ma taqsamx.

Illi l-vettura tal-imputat giet ezaminata dakinhar ftit wara li sehh l-incident u skond ir-rapport tal-espert tekinku Joseph Zammit din kienet f'kundizzjoni tajba kemm mill-aspett ta' brejkijiet u kemm bhal *steering* u gie kkonstatat li kollha kienu jahdmu sew. Jirrizulta wkoll li fejn sehh l-incident hija triq magguri u jghaddi hafna traffiku u li ghalhekk in-nies iridu joqghodu attenti hafna meta jigu biex jaqsmu t-triq u ghalhekk ghandhom juzaw hafna kawtela.

Illi l-espert tekniku kkonkluda fir-rapport tieghu fl-atti tal-inkjesta li l-vittma setghet uriet nuqqas ta' responsabilita' meta qasmet minn din it-triq maggura illi hija passagguza f'kull hin tal-gurnata pero' fl-istess nifs jghid li kien hemm nuqqas ta' responsabilita' min-naha tal-imputat meta dan ma naqqas il-velocita' tieghu meta wasal qrib *pedestrian crossing* u seta' facilment jara lil Vassallo minn distanza u kien ghalhekk tal-fehma li kellhom johorgu l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat.

Illi fir-rizoluzzjoni ta’ responsabbilta’ naxxenti minn incidenti awtomobilistici, ghandu dejjem jigi ezaminat x’kienet il-kawza prossima tas-sinistru (App.Krim. **Il-Pulizija vs. Emmanuele Grixti** (Kollez. Vol.XXXVII, iv. p.1217) u sabiex ikun hemm responsabbilta’ ghall-kollizjoni jinhtieg li jkun hemm nexus fis-sens li l-vjolazzjoni tkun kawza prossima tal-kollizzjoni (App.Krim. **Il-Pulizija v. Nazzareno Micallef** [3.12.1960].) F’dan il-kaz indubjament il-manuvra nkonsulta ghall-ahhar tal-vittma li taqbad u taqsam triq principali meta l-lights kienu ghadhom hodor minghajr esplorazzjoni tajba tat-triq id-dritta ghal traffiku gej mill-faccata, kienet il-kawza prossima w determinanti tal-incident.

**L-Artikolu 225 tal-Kap. 9** tal-Ligijiet ta’ Malta li jitkellem dwar feriti involontarji bl-applikazzjoni tal-Artikolu 226 tal-istess kapitolu jghid hekk:

“*Kull min, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, jikkaguna l-mewt ta’ xi hadd, jehel, meta jinstab hati, .......*”.

Kif inghad fis-sentenza **Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta’ Lulju 1998, “*Skond l-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, sabiex jirrizulta d-delitt ta’ omicidju involontarju (u konsegwentment anke fil-kaz ta’ feriti ta’ natura gravi), hemm bzonn li tirrikorri kondotta volontarja negligenti, konsistenti generikament f’nuqqas ta’ hsieb (imprudenza), negligenza jew traskuragni, jew ta’ hila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta’*

*osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita`, minn akkadut dannuz involontarju*".

Il-gurist **Francesco Carrara** jghid hekk dwar il-culpa, "… il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo - 1° volontarieta` dell'atto - 2° mancata previsione dell'effetto nocivo - 3° possibilita` di prevedere."[1]

Bl-istess mod, il-**Professur Anthony J. Mamo,** fin-noti tieghu, jghid hekk:

*"In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable*".[2]

U fis-sentenza fuq citata, gie ritenut hekk dwar il-kondotta kolpuza:

"… *kondotta kolpuza hija definita bhala kondotta volontarja li tikkaguna event dannuz, mhux volut, izda prevedibbli, li seta' jigi evitat bl-uzu ta' attenzjoni jew prudenza fi grad ta' persuna normali*".

[1] Carrara F., "Programma Del Corso Di Diritto Criminale", Vol. I (Parte Generale), p. 88.

[2] Prof. Sir A. J. Mamo, Lectures in Criminal Law, p. 67.

Hemm diversi forom ta’ kondotta kolpuza derivanti minn att ta’ negligenza,

imprudenza, imperizja u non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u

simili.

L-imprudenza tekwivali ghal “un atto inconsiderato e rischioso” maghmul b’“*leggerezza*” jew “*sconsideratezza*”[3] u kif jghid **Antolisei,** “*L’imprudenza e` propriamente l’avventatezza, l’insufficiente ponderazione ed implica sempre una scarsa considerazione per gli interessi altrui*”[4]

U kif insibu fin-Novissimo Digesto Italiano,

“*Si comporta con imprudenza che tiene una condotta positive dalla quale occorreva astenersi perche` capace di cagionare un determinate evento di danno o di pericolo, o che e` stata compiuta in modo non adatto, cosi` da essere, pericolosa per l’altrui diritto penalmente tutelato. E`, quindi, una forma di avventatezza, un agire senza cautela*.”[5]

Bl-istess mod, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg** et, fuq citata inghad illi:

---

[3] Dizionario Zingarelli, (2002) “Vocabalorio della Lingua Italiana”, Nicola Zingarelli (Edizzjoni 12, Gunju 2001).

[4] Antolisei F., “Manuale di Diritto Penale: Parte Generale”, Edizzjoni 15 (Giuffre`, 2000), p. 366.

[5] Novissimo Digesto Italiano, Vol. III, p. 548.

"*L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli*".

In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu, fil-waqt illi "*l-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe`, kif jghid il-Manzini: inettitudine e insufficienza professionale, generale e specifica, nota all'agente, di cui egli vuole non tener conto*".[6]

Skond l-imsemmija sentenza, "*Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal non osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-awtorita` pubblika dwar xi attivita` determinata u specifika bl-iskop li jigi evitat il-possibilita` ta' hsara u dannu lil terzi, cioe`, dawk li jkollhom l-element tal-prevenzjoni.*" Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghalhekk ghal non ossevanza tal-ligijiet u regolamenti bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-Ordinanza tat-Traffiku (Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-High Way Code – Motor Vegicle Regulations, fost regoli ohrajn.

Dwar id-diligenza rikjesta fil-kamp kriminali, il-**Professur Anthony Mamo** jghid illi:

"*The amount of prudence or care which the law actually demands is that which is reasonable in the circumstances of the particular case. This obligation to use reasonable care is very commonly expressed by reference*

[6] Il-Pulizija vs Saverina sive Rine Borg, fuq citata.

*to the conduct of a 'reasonable man' or of an 'ordinarily prudent man', meaning thereby a reasonable prudent man: "negligence", it has been said, "is the omitting to do something that a reasonable man would do, or the doing something that a reasonable man would not do" … What amounts to reasonable care depends entirely on the circumstances of the particular case as known to the person (Carrara, Programma, § 87n.) whose conduct is the subject of enquiry. Whether in those circumstances, as so known to him, he used due care – whether he acted as a reasonably prudent man – is in general a mere question of fact as to which no legal rules can be laid down*."[7]

Din hija wkoll il-posizzjoni adottata mill-Qrati taghna, kif jirrizulta car mis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-21 ta' Marzu 1996, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Richard Grech**, fejn gie ritenut illi "*ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik il-persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-bonus paterfamilias, dik il-kondotta, cjoe`, illi fil-kaz konkret, kienet tigi uzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita` normali; kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallih, fl-istess hin, liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret*".

Abbazi ta' din l-esposizzjoni legali u tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi, il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju illi dak li wassal ghall-incident de quo u ghall-feriti li ssubiet Pauline Vassallo ma kienx in-nuqqas evidenti ta' tharis tal-ligijiet u r-regolamenti izda n-nuqqas ta' hsieb li wriet il-vittma stess Pauline Vassallo meta hija giet biex taqsam it-triq, u dan meta kienet hi stess li

[7] Lectures in Criminal Law (First Year), p. 71.

ghafset il-buttuna u ghalhekk kienet taf li kellha tistenna l-*lights* isiru hodor qabel ma tikkontempla taqsam it-triq. Illi ghalhekk din il-Qorti ma taqbilx mal-konkluzjoni raggunta mill-espert tat-traffiku Mario Buttigieg li l-imputat kien negligenti fis-sewqan tieghu.

Illi fil-fehma tal-Qorti l-fatt li l-imputat seta ra lill-vittma fuq il-bankina hdejn il-*lights* tistenna biex taqsam kif semma l-espert Mario Buttigieg fir-relazzjoni tieghu  ma jfissirx li l-imputat kellu l-obbligu li jnaqqas l-ispeed f'dak il-mument li kien riesaq lejn il-*pedestrian crossing* u dan ghaliex la l-*lights* tieghu kienu hodor dan ifisser li kellu l-obbligu li jibqa' ghaddej u ma kellux ghalfejn jahseb li l-vittma setghet qabdet u taqsam it-triq u tohloq *emergenza subitanea* lilu. Zgur li ma kellux ghalfejn jipprevjeni dak li kienet ser taghmel il-vittma.

L-imputat gie akkuzat ukoll bi ksur tal-**Artikolu 15 tal-Kapitolu 65** tal-ligijiet ta' Malta u cioe' li saq b'manjiera traskurata u negligenti. Illi jirrizulta minn ezami tas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell preseduta mill-Prim Imhallef Silvio Camilleri nhar l-4 ta' Frar 2011 fl-ismijiet il-**<u>Pulizija vs Andre Apap</u>** fejn dik il-Qorti ghamlet referenza ghas-sentenza ta' dik il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Alfred Mifsud</u>** tas-6 ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157) fejn hemm indikat it-tifsira ta' dawn it-tipi ta' sewqan, inghad li:

*"**Sewqan traskurat** (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-*

*disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.* ***Sewqan bla kont*** *hu deskritt fis-subartikolu (2) ta' l-imsemmi artikolu 15 bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji.* ***Sewqan perikoluz*** *(dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita' ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel."*

Issa kif jispjega l-gurista **Francesco Carfora** (Digesto Italiano, Vol 7, Parte 2, v. Colpa (materia penale), Diritto Vigente, p. 775) jekk il-prudenza tikkonsisti f'illi persuna taghmel dak li hu ragonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza, li hija n-negazzjoni ta' din il-virtu', tikkonsisti f'illi wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li hu messu ppreveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika certu non-kuranza, certu abbandun, kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiz-zewg kazijiet, pero' l-hsara tkun prevedibbli ghalkemm mhux prevista; kieku kienet ukoll prevista, wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina tal-intenzjoni posittiva ndiretta.

Illi m'hemmx dubju li l-imputat gie akkuzat b'att kolpuz u cioe' li kkaguna feriti ta' natura gravi nvolontarjament minhabba kulpa. Meta si tratta ta' kulpa huwa mportanti li jigu ppruvati n-*nexus* li ghandu jezisti bejn l-att u r-rizultat sabiex l-att jista' jitqies kriminalment imputabbli. Huwa biss jekk jirrizulta *chain of causation* bejn l-att li holoq id-danni u d-danni rizultanti li jista' jirrizulta kulpa. Kif gie deciz nhar is-sbatax ta' Mejju, 1948 fis-sentenza **Il-Pulizija v Salvatore Camilleri** per Imhallef Harding li:

"*Such need for the existence of a chain of causation between the negligent act and the ensuing harm is a requisite (sottolinear ta' din il-Qorti) for responsibility to exist.*"

Fil-fatt ikompli jghid:

"*The principle that for culpa to exist there must be the causa nexus between act and event, applies not only with regard to negligence, imprudence, carelessness and unskillfulness, in an art or profession but it is equally requisite in case of non-observance of the regulations.*"

Fil-fatt **Maino** fil-ktieb tieghu **Commentario al Codice Penale Italiano** (Vol III, 1622, pg. 286*)* jghid:

"*E concorda la gurispurdenza, sancendo che l'inosservanza dei regolamenti non basta a costruire delitto colposo quando fra le inosservanza dei regolamenti e' l'evento funesto non siavi il messa di causalita.*"

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hmistax ta' Frar 1958, fl-ismijiet **Il-Pulizija v John Vella**, gie ritenut li:

"*…Tkun xi tkun id-definizzjoni tal-kolpa jibqa' dejjem illi l-elementi taghha huma voluntarjeta' tal-atti w n-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilita' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi li ma jkunux prevedibbli, jew almenu ma setghux ikunu prevedibbli hlief id-diligenza straordinarja, il-ligi ma tezigix u li se mai tista' ggib kolpa levissima li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija.*"

**Illi ghalhekk in konkluzjoni din il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-ligi u cioe' l-Artikoli 218 u 328 (b) tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta tiddeciedi li ma ssibx lill-imputat ANTONIO FARRUGIA hati tal-akkuzi u tilliberah minnhom.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------